MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 46/1993/2

Paul Portelli u Ian Mizzi .
vs

Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mit-Taqsima ta’ l-Arretrati, Telemalta corporation Ltd .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi permezz ta’ mandat kawtelatorju numru 625.1993 fl-ismijiet inversi l-konvenut ottjena mandat ta’ qbid mahrug fit-30 ta’ Lulju, 1993 fl-ammont ta’ tlett mija u tmienja u tmenin lira maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm388.26c0) oltre l-ispejjez tal-istess mandat li jammontaw ghal sitt liri u hamsin centezmu (Lm6.50c0) li jirrapprezentaw ammont dovut mid-debitur in konnessjoni mas-servizz tat-telex bin-numru 674 .

Illi l-ammont mitlub u kawtelat mill-konvenut m'huwiex dovut mill-atturi billi ghalkemm dawn kienu ordnaw magna tat-telex dawn gew fornuti b'wahda difettuza li qatt ma hadmet minkejja li gew it-teknici tal-kumpanija konvenuta biex isewwuha .

Illi l-ammont mitlub mill-konvenut gie mill-ewwel kontestat mill-atturi li spjegaw lill-korporazzjoni r-rifjut taghhom li jhallsu ta' servizz li qatt ma uzufruwixxew minnu .

Illi evidentement l-mandat fuq imsemmi mahrug kontra l-atturi huwa nforndat u bla ebda bazi u ghalhekk ghandu jigi revokat .

Talbu lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara l-ammont ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm388.26c) oltre s-somma ta' sitt liri u hamsin centezmu (Lm6.50c) kif mitluba bil-mandat ta' qbid numru 625/1993 fl-ismijiet inversi mahrug fit-30 ta' Lulju, 1993 bhala mhux dovut mill-atturi;
2. Konsegwentement tiddikjara l-mandat ta' Qbid fuq imsemmi huwa bla bazi w infondat ;
3. Konsegwentement tirrevoka u thassar l-istess mandat ta' Qbid .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' April 1992, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament minn Paul Portelli .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa :

1. Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante li ma fihiex indikazzjoni cara tar-

rapprezentanza ta’ Paul Portelli u Ian Mizzi tas-societa’ Gozo Heritage Limited .

2. Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma difettuzi fil-forma peress li jaghmlu referenza ghar-revoka ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni meta suppost kellha ssir referenza ghall-mandat ta’ Qbid .

3. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-servizz gie debitament moghti lill-atturi skond il-ligi .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu r-revoka tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom fuq talba tal-konvenut nomine, wara li naqsu li jhallsu kont tal-Korporazzjoni Telemalta dwar kiri ta’ *telex machine* ghal perijodu ta’ sena, u dana wara li tinghata dikjarazzjoni li ma hu dovut xejn lil din il-korporazzjoni, billi allegatament qatt ma kellhom servizz efficjenti, minkejja li kienet giet installata *telex machine* fl-ufficju tal-Gozo Heritage f’Ghajnsielem gestit minnhom .

Qabel pero’ ma tidhol f’ezami dwar il-mertu, jkun opportun li jigu ttrattati l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenut nomine . Fl-ewwel eccezzjoni tieghu dan jikkontendi illi r-rapprezentanza ta’ l-atturi tas-socjeta’ minnhom indikata fic-citazzjoni mhix murija cara . Pero’ l-Qorti ma tara ebda nullita’ fil-fatt illi fl-okkju tac-citazzjoni l-atturi naqsu li jiccaraw illi huma kienu qeghdin jidhru in rapprezentanza tas-socjeta’ ndikata fl-istess citazzjoni . Infatti fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma’ l-istess citazzjoni, din il-pozizzjoni taghhom imbaghad tohrog cara billi hemmhekk jispecifikaw illi kienu qeghdin jidhru “*ghan-*

*nom u in rapprezentanza tas-socjeta 'Gozo Heritage Limited'* . Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk minnufih respinta .

It-tieni eccezzjoni tirrigwarda zball tal-pinna maghmul mill-atturi meta f'certi partijiet tac-citazzjoni taghhom isemmu mandat ta' inibizzjoni minflok mandat ta' qbid kif kellu jkun korrettement il-kaz . Dan l-izball pero' l-atturi gew awtorizzati jikkoreguh permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Frar 2002, wara talba apposita ta' l-istess atturi . Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk ukoll michuda .

Nigu ghalhekk ghall-konsiderazzjoni tal-mertu . L-atturi pproducew diversi provi dwar din il-kwistjoni u dwar il-kontensjoni taghhom illi din il-magna minn meta giet installata fl-ufficju taghhom fi Frar 1989 qatt ma hadmet sew, tant illi kitbu bosta drabi lill-Korporazzjoni biex jinfurmawha b'dan[1] . Xehdu wkoll Paul Scicluna, manager prezenti u John Mizzi manager precedenti dwar il-kwistjonijiet kollha li kien ikollhom mal-korporazzoni dwar din il-magna . Infatti spjegaw kif dina bdiet thabbathom mal-ewwel li giet installata . Kull darba li kienu jinfurmaw b'dan lill-korporazzjoni kienu jintbaghtu xi *technicians* sabiex jaghmlu r-riparazzjonijiet mehtiega . Dak il-hin hekk kif tissewwa kienet tahdem ghal ftit, u dritt wara terga' ghal li kienet . Din is-sitwazzjoni baqghet tirrepeti ruhha ghal bosta xhur, bil-konsegwenza illi t-*telex machine* in kwistjoni qatt ma setghet tintuza ghall-iskop li ghalieh kienet giet mikrija . Tant hu hekk illi l-istess konvenut nomine jikkonferma fid-deposizzjoni tieghu illi l-atturi gew mitluba jhallsu biss il-kera ta' sena shiha , nieqes xahar fejn ammettew illi l-magna ma kienitx tahdem. Imma l-atturi dejjem baqghu isostnu illi l-magna ma hadmet qatt, tant illi baqghu jinsistu illi din titnehha minn fejn kienet giet installata mill-aktar fis, u sabiex il-korporazzjoni ma tibqghax izommilhom aktar kera fuq haga li ma kienitx qed taghti s-servizz li ghalieh kienet intenzjonata. Il-fatt li l-magna *de quo* kienet tassew difettuza jikkonfermawh ukoll Joseph Mizzi *technician* tat-Telemalta, li ntbghat diversi drabi sabiex jaghmel ir-

[1] Ara dokti.A,B,C u D annessi ma' c-citazzjoni

riparazzjonijiet mehtiega. Dan attribwixxa l-hsara li kellha din il-magna ghall-fatt illi kien ikun hemm linji maqlubin. Wara li kienu jirrangaw il-linji, l-magna kienet terga’ tigi tahdem. Pero’ ma setghax jispjega ghaliex din tal-linji maqlubin kienet qed tigri aktar minn  darba u min seta’ kien qed jikkaguna tali hsara.

M’hemm l-ebda dubbju ghalhekk illi t-*telex machine* numru 674 mikrija mill-korporazzjoni Telemalta lill-atturi ghal perijodu ta’ sena, qatt ma taghat is-servizz li ghalieh kienet intenzjonata, u dana minkejja d-diversi tentattivi sabiex isiru r-riparazzjonijiet mehtiega u b’din is-sitwazzjoni kienet qed tinzamm dejjem infurmata l-istess korporazzjoni, tant illi wara diversi xhur fl-istess sitwazzjoni, l-atturi talbuha sabiex tnehhi s-servizz .

A tenur ta’ l-artikolu 1539 (b) tal-Kap.16, fost l-obbligi tas-sid hemm dak li: “ ***izomm din il-haga fi stat li wiehed jista’ jaghmel minnha l-uzu li ghalieh giet mikrija***;”

Il-**Baudry-Lacantinerie** jispjega illi :

“*L’abbonamento al servizio di telefono e’ una locazione: l’abbonato ha il godimento del materiale dell’impresa*.”[2]

B’analogija nistghu nghidu illi dan japplika wkoll ghas-servizz tat-*telex* li kien jinghata qabel ma gew introdotti l-*fax machines* .  Dawn ukoll kienu jinkrew minghand il-Korporazzjoni li dakinhar kienet tipprovdi l-uniku servizz telefoniku fil-gzejjer maltin .

Dwar l-obbligi tas-sid li jzomm il-haga fi stat li wiehed jista’ jaghmel minnha l-uzu li ghaliha giet mikrija, insibu fl-istess opra jinghad illi :

“*L’obbligazione alla quale e’ tenuto il locatore di far godere il conduttore e’ successiva, e si riproduce ciascun giorno sino alla fine della locazione . Non basta adunque che il locatore faccia il necessario affinche’ il godimento del conduttore possa esercitarsi al momento della*

[2] Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile; Del Contratto di Locazione Vol. I.  # 28, p. 21

*consegna ; egli e' obbligato a procurargli la continuazione di questo godimento senza interruzione sino al termine della locazione . Di qui l'obbligazione, che l'art. 1719-2*[3] *(Cod. civ. it. art. 1575)*[4] *impone al locatore di mantenere la cosa '**in istato di servire all'uso pel quale e' stata locata**'."*[5]

Dan ifisser ghalhekk illi l-lokatur kellu l-obbligu illi jzomm il-haga mikrija fi stat tajjeb li tiffunzjona mhux biss fil-bidu tal-kirja imma tul il-perijodu kollu ta' l-istess kirja . Haga illi certament fil-kaz taghna il-korporazzjoni bhala l-lokatur ma ghamlitx . Fin-nuqqas ghalhekk tal-adempiment ta' dan, wiehed mill-obbligi ewlenin tas-sid tal-haga mikrija fil-konfront tal-kerrej, il-Qorti ma tistghax ma tammettix it-talbiet ta' l-atturi bhala gustfikati .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara l-ammont ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm388.26) oltre is-somma ta' sitt liri u hamsin centezmu (Lm6.50) kif mitluba bil-mandat ta' qbid numru 625/1993 fl-ismijiet inversi, mahrug fit-30 ta' Lulju 1993 bhala mhux dovut mill-atturi;

2. konsegwentement tiddikjara l-mandat ta' qbid fuq imsemmi bhala bla bazi u nfondat; u

3. ghalhekk tirrevoka u thassar l-istess mandat ta' qbid .

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' April 1992, kontra l-konvenut nomine .

**< Sentenza Finali >**

---

[3] tal-Kodici Franciz
[4] tal-kodici l-antik simili ghall-artikolu relattiv taghna
[5] ibid.#321 p.179

---------------------------------TMIEM---------------------------------